SANTA LUĊIJA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

### It-Tmien Leġislatura
### Laqgħa Numru 08-20

11 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato - Kunsilliera
Liam Sciberras - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Terrence Ellul

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

8.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku qrat *e-mail* tal-Kunsillier Terrence Ellul li informa lill-Kunsill li ma setax jattendi għall-laqgħa għax kien indispost.

8.1.1 *Diskors mis-Sindku*

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li din il-laqgħa tal-llum li ġib in-numru 08-2020 qed issir minflok il-laqgħa li ġġib l-istess numru li skond *e-mail* li nbagħtet mid-Direttur Għall-Gvern Lokali kellha tiġi iddikjarata nulla għall-finijiet tal-liġi.

8.1.2 *Mozzjoni mressqa b'urġenza*

Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar informa lis-Sindku li kien qed iressaq Mozzjoni b'Urġenza f'dan ir-rigward. Is-Sur Cutajar qara l-mozzjoni li bħala proponent kellha lis-Sur Cutajar u bħala sekondant lil Dr Liam Sciberras.

8.1.2.1 Is-Sindku qalet li ma taqbilx ma' l-kelma 'protesta' u l-Kunsill qabel li din il-kelma tiġi emendata.

8.1.2.2 Il-Mozzjoni numru 1-2020 li tressqet mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar u Sekondata mill-Kunsillier Dr Liam Sciberras ġiet approvata kif emendata mill-membri tal-Kunsill kollha presenti għall-laqgħa. Kopja tal-Mozzjoni qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 07-19

8.2.1 *Approvazzjoni tal-Minuti*

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 07-19 ġew approvati mill-Kunsill.

8.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' li saret nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru 2019

8.3.1 *Approvazzjoni tal-Minuti*

Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' li saret fis-16 ta' Diċembru 2019 ġew approvati mill-Kunsill.

8.4 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

8.4.1 *Approvazzjoni ta' Xiri u Kwotazzjonijiet*

8.4.2 *Kwotazzjonijiet fuq CCTV Cameras*

Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ħames kwotazzjonijiet għal xiri ta' CCTV Cameras. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-kwotazzjonijiet u qabel li għandha tintgħażel l-orħos kwotazzjoni li għandha ħames snin garanzija.

8.4.3 *Approvazzjoni għall-ħlas – Kuntratt SLLC SF(57-19-05)*

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-*invoice* u ċ-ċertifikazzjoni tal-Perit fuq xogħol ta' bdil ta' *safety matting* tal-*playing field*. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex isir il-ħlas.

8.4.4 *Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti*

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM08-20 għall-perjodu bejn id-19 ta' Diċembru 2019 sas-16 ta' Jannar 2019 u minn *cheque* numru BOV 7874 sa *cheque* numru BOV 7944

8.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

8.6.1 *Laqgħa ma' diversi awtoritajiet fir-rigward ta' proġetti tal-Kunsill*

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li kellha ma' uffiċċjali tal-Awtorita' tal-Ippjanjar dwar proġetti tal-Kunsill.

Fir-rigward tal-*upgrading* tal-*basketball pitch* fil-*playing field area* hija qalet li trid issir applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Is-Sindku tkellmet dwar l-Ġnien is-Serenita' u qalet li ġiet infurmata li skond SMSL 03 1050, 15% tal-*area* devoluta lill-Kunsill tista' tiġi żviluppata u li f'dan il-persentaġġ hemm inkluż diġa l-iżvilupp li sar bir-rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Hija qalet li l-iżvilupp jista jkun biss dak taħt skeda sitta li jinkludi *bar* u *restaurant*. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jitlob parir tekniku f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-proġett taċ-Ċentru tal-Komunita' tkellmet dwar il-possibilita' li dan il-proġett jiġi iffinanzjat mill-Development Planning Fund ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar.

Is-Sindku tkellmet ukoll fuq proposta li saritilha waqt laqgħa li kellha fil-Ministeru tas-Saħħa biex il-Kunsill jidħol għall-ispiża nvoluta biex jittella sular ieħor fuq il-bini tal-berġa ta' Santa Luċija fi Vjal Oleandri. Hija qalet li ser tkun qed titkellem mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar l-arja ta' fuq il-berġa u ser tkun qed titkellem ukoll mad-Dipartiment Għall-Kura Primarja dwar din il-proposta.

8.6.2 *Sejħiet għal kuntratti fuq l-epps*

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fil-ġ ranet li ġejjin ser jinħarġu żewġ sejħiet għall-offerti kif ġej:

- SLLC SL(57-20-01) Offerta ta' Servizz għall-Provvediment u Manutenzjoni ta' Dwal tat-Toroq – Kunsill Lokali Santa Luċija
- SLLC SL(57-20-02) Provvediment ta' Servizz ta' Data Protection Officer

8.6.3 *Kuntratt PKG 57 – Żamma u Manutenzjoni ta' Ġonna*

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-ELC kienu temmu l-kuntratt li għandhom mal-lokalita' ta' Santa Luċija fl-31 ta' Jannar 2020. Hija qalet li l-Kunsill ser jiġbor il-kwotazzjonijiet għal servizz temporarju sakemm tinħareġ sejħa għall-offerti biex isir kuntratt ġdid fuq dan is-servizz.

8.6.4 *Tiġdid tal-ftehim mal-BOV dwar l-ATM*

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-ftehim li kien hemm mal-BOV fir-rigward tal-ATM kien skada u ġie estiż għal ħames snin.

8.6.5 *Centru tal-Anzjani*

Is-Sindku tkellmet dwar il-bżonn li jkun hemm titjib fil-kċina li tintuża miċ-Ċentru għal Anzjani fil-Pavillon ta' Ġnien is-Serenita'. Hija qalet lid-Dipartiment Għall-Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunita' qed jipproponi l-Kunsill jagħmel l-art bil-*lamination* u jixtri żewġ sinkijiet filwaqt lid-Dipartiment jieħu ħsieb il-kumplament. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din il-proposta.

8.6.6 *Inizjattiva marbuta mal-Karnival*

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li uffiċjali taċ-Ċentru Għall-Anzjani kellmu lill-Viċi Sindku dwar attivita bl-isem ta' Carnival Village Outing li ser tiġi organizzata fit-18 ta' Frar 2020. Hija qalet li l-Kunsill intalab jipprovdi transport għall-anzjani ta' Santa Luċija għal din l-attivita'. Il-Kunsill approva din it-talba.

8.6.7 *Servizz ta'Assiġurazzjoni tal-assi tal-Kunsill*

Is-Sindku qalet li l-kumpanija tal-assigurazzjoni li għandu l-Kunsill fil-preżent bagħtet kwotazzjoni biex jiġġedded il-polza tal-assikurazzjoni tal-Kunsill. Ġie deċiż li jinġiebu aktar kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward billi jsir avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.6.8 *Performance Bonus Appraisal*

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill. Il-Kunsill irrisolva f'kumitat biex jiddiskuti l-*performance bonus* imsemmi. Il-laqgħa tkompliet u s-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien qabel li l-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema klerikali tal-Kunsill jingħata kif ġej:

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | 10% |
| Assistant Prinċipal | 6% |
| Uffiċjal Eżekuttiv | 6% |

8.6.9 *Kors Għaqal Fid-Dar Ħajjar Aħjar*

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ser jerġa jsir il-Kors Għaqal fid-Dar Ħajja Aħjar. Hija qalet li dan il-kors ser jibda f'Marzu 2020 u ser isir fi Ġnien is-Serenita. Hija qalet ukoll li ser joħroġ avviż għall-pubbliku f'dan ir-rigward.

8.6.10 *Attivita' marbuta mal-Festa tal-Għid*

Is-Sindku qalet li xtaqet torganizza attivita' bl-isem ta' Easter Egg Hunt fi Ġnien is-Serenita'. Hija qalet li ser jinkera servizz ta' Bouncy Castle u l-Esplora fost oħrajn. Is-Sindku qalet li l-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' madwar €1,500.00. Hija kompliet tgħid li parti minn din l-ispiza tista tiġi iffinanzjata mir-Reġjun jekk dan ikun involut f'din l-inizjattiva. Hija qalet ukoll li diġa hemm żewġ Kunsilli interessati li jkunu nvoluti f'din l-attivita'. Il-Kunsil qabel ma' din il-proposta.

8.6.11 *Attivita' Għall-Anzjani*

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ser torganizza ħarġa għall-anzjani fejn dawn ser ikunu jistgħu jżuru l-Esplora li għandha programm imħejji speċifikament għall-anzjani li jinkludi wirjiet u esebizzjonijiet kif ukoll ikel u xorb. Hija qalet li din l-attivita' ser issir fit-28 ta' Frar 2020.

8.6.12 *Talba għall-Għajnuna mill-Boċċi Klabb*

Is-Sindku qalet li l-Klabb tal-Boċċi ressaq talba biex il-Kunsill jgħin f'xogħol ta' manutenzjoni li hemm bżonn fuq il-faċilitajiet tal-Klabb. Il-Kunsill qabel li jilqa' din it-talba u li dan ix-xogħol li jinkludi l-aktar tibjid u bdil ta' erba' pannelli tal-injam, isir mill-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill.

8.6.13 *Earth Hour*

Is-Sindku qalet li l-Kunsill ser jipparteċipa f'din l-inizjattiva li ser jieħu ħsiebha l-Kunsillier Terrence Ellul. Hija qalet li fil-ġurnata indikata għal din l-inizjattiva ser jintefa d-dawl ta' Pjazza 7 ta' Lulju bejn it-8.30p.m u d-9.30p.m u jinxtegħlu xemgħat minflok.

8.6.14 *Rapport tal-Kunsilliera*

Is-Sindku qalet li skond l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali, kull Kunsillier irid iħejji rapport tal-ħidma tiegħu marbuta mar-responabbiltajiet li għandu fil-Kunsill. Is-Sindku qalet li dan ir-rapport irid jiġi inkluż fir-rapport amministrattiv tal-Kunsill.

8.6.15 *Riżenja tal-Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Kunsill*

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill l-ittra tar-riżenja tal-impjegata fil-kariga ta' Uffiċċjal Eżekuttiv. Hija nfurmat li l-Kunsill ħareġ sejħa għal dan il-post vakant liema sejħa hija fi skala 11.

8.6.16 *Ħaddiema ġodda taħt l-iskema ta' Community Work Scheme assenjati mal-Kunsill*

Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill għandu żewġ ħaddiema oħra assenjati miegħu taħt il-Community Work Scheme. Hija qalet li waħda mill-ħaddiema ser tagħmel xogħol klerikali mal-Kunsill u l-ħaddiem l-ieħor ser ikun assenjat xogħol ta' manutenzjoni.

8.6.17 *Proposta minn stazzjoni tar-Radio*

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar proposta bi ħlas biex il-Kunsill jipparteċipa fi programm fuq stazzjon tar-radju. Il-Kunsill ma qabilx li jipparteċipa f'din il-proposta.

*8.6.18* *Life Long Learning*

Is-Sindku qalet li għandha ssir laqgħa bejn il-Kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni u l-persuna inkarigata minn din l-inizjattiva.

8.6.19 *Ilmenti u Suġġerimenti:*

Il-Kunsill iddiskuta dawn l-ilmenti u suġġerimenti u ħa dawn id-deċiżjonijiet:

- Il-Kunsill laqgħa talba biex il-*loading/unloading bay* li kien hemm fi Triq Begonja terġa tiġi *reinstated*.

- Il-Kunsill qabel li għandu jintalab il-permezz ta' Transport Malta għal *double yellow lines* fi Triq Biċe Mizzi Vassallo.

- Fuq talba biex jiżdied id-dawl fi Triq iċ-Ċirkewwa, il-Viċi Sindku inkariga ruħu biex imur fuq il-post biex jara jekk hemmx bżonn aktar dawl.

- Il-Kunsill innota ilment dwar il-kundizzjoni ta' ċint bejn il-*parking* tal-Knisja u Triq San Piju X u qabel li l-manutenzjoni għandha ssir mill-ħaddiema assenjati mill-Kunsill.

- Il-Kunsill ma laqgħax talba biex isir bozza fit-trejqa ta' ħdejn is-Symbiosis u Triq Ines Soler.

- Fuq talba biex isir *bus stop* temporarju fi Triq Żnuber, il-Kunsill innota li bħalissa din it-Triq tinsab magħluqa.

- Il-Kunsill ma qabilx li fi Triq Maria De Domenicis jitneħħew il-*parking spaces* u jiġi sinjal dritt biex il-karozzi kbar jkunu jistgħu jipparkjaw. Il-Viċi Sindku qal li ser imur jara biex jivverifika jekk karrozzi kbar jistgħux jipparkjaw fil-*parking spaces* li hemm bħalissa.

- Il-Kunsill qabel li jikkonsulta ma' Transport Malta dwar *parking bay* miżbugħa bl-isfar li hemm fi Triq Inez Soler

- Fir-rigward ta' suġġeriment bir-referenza 4/2020, il-Kunsill qal li m'għandux is-setgħa li jagħlaq Triq Hannewija biex jużawha r-residenti ta' din it-triq biss.

- Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Transport Malta biex jipproponi li isiru *double yellow lines* biex ma jsirx *parking* fi Triq Katerina Vitale ħdejn ir-razzett taż-żiemel.

- Il-Kunsill qabel li jsir *reminder* lill-Infrastruture Malta dwar proposta biex issir *speed camera* fi Triq Katerina Vitale biex tiġi ndirizzata problema ta' *overspeeding*.

8.7 Evalwazzjoni: Offerta SLLC CM(57-19-07) – Servizz Professjonali ta' Contract Manager

Is-Sindku irreferit għall-evalwazzjoni ta' din l-offerta u qalet li għandha ssir laqgħa oħra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni biex tiġi iffinalizzata l-evalwazzjoni ta' din l-offerta.

8.8 Xogħolijiet

Il-Kunsill iddiskuta xi xogħolijiet u l-istimi tagħhom u qabel li l-ispejjeż involuti huma għoljin wisq.

8.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

8.9.1 Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras

Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk tistax issir talba lill-Infrastructure Malta biex isiru *diversion signs* li juru kif nies li ġejjin minn naħa taż-Żejtun għandhom joħorġu minn

Santa Luċija. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għandha issir talba lill-Infrastructure Malta f'dan ir-rigward.

8.9.2 Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras

Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk jistax ikollu *breakdown* tas-servizzi soċjali kolla li jipprovdu kemm il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija kif ukoll iċ-Ċentru Leap. Huwa ingħata lista tas-servizzi li joffri l-Kunsill. Rigward iċ-Ċentru Leap huwa ġie nfurmat li wieħed mis-servizzi huwa it-tqassim tal-ikel.

8.9.3 Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras

Il-Kunsillier Sciberras staqsa għala l-fuljett tal-Kunsill m'għadux isir. Is-Sindku qalet li illum il-Kunsill għandu l-*Facebook Page* tiegħu u n-nies jinżammu infurmati l-ħin kollhu bil-ħidma tal-Kunsill. Ġie deċiż li peress li mhux kulħadd għandu *Facebook* għandu jerġa jinħareġ il-fuljett tal-Kunsill. Is-Sindku inkarigat ruħha li tikkordina din l-inizjattiva.

8.9.4 Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar il-proposta li l-Kunsill jipprovdi *stickers* ta' *No Junk Mail* biex jitnaqqas l-iskart. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikunu mingħajr il-*logo*.

8.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.15p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar 2020 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John | Caroline Silvio |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Data: 11 ta' Frar 2020**

## It-Tmien Leġislatura

## Mozzjoni Mressqa b'Urġenza Nru. 01-2020

Mozzjoni Mressqa b'Urġenza – illum it-Tlieta, 11 ta' Frar 2020 – Laqgħa numru 08-2020

Qed inressaq din il-mozzjoni b'urġenza fir-rigward tal-laqgħa li qed issir illum, it-Tlieta, 11 ta' Frar 2020, peress li fl-opinjoni tiegħi ma naqbilx mad-deċiżjoni tad-Direttur Għall-Gvern Lokali li l-Laqgħa bl-istess numru li saret nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Jannar 2020 tiġi dikjarata nulla għal finijet tal-liġi. Ir-raġunijiet għala ma naqbilx mad-deċiżjoni imposta fuq il-Kunsill huma:

Il-Laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Jannar 2020 li għaliha ma setgħetx tkun preżenti is-Segretarju Eżekuttiv minħabba li kienet marida ma setgħetx titħassar. Mill-Att dwar il-Kunsilli Lokali – Sitt Skeda Artiklu 4.3 Ordnijiet Permanenti jirreferi għall-Aġenda tal-Laqgħa u jgħid li: *Dik id-data u l-ħin ma għandhomx jinbidlu għal ebda raġuni*

Fl-*e-mail* tal-31 ta' Jannar 2020 li d-Direttur bagħat lis-Segretarju Eżekuttiv kiteb li – *Se mai kellu jkun id-Deputat Segretarju Eżekuttiv illi kellu jaġġixxi fin-nuqqas tiegħek.* Id-Direttur kiteb dan il-kliem meta kien jaf tajjeb li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv nominat mill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija għadu mhux approvat mill-Ministru.

F'din is-sitwazzjoni ta' emergenza, l-uffiċċjal tal-Kunsill li ntalbet taġġixxi flok is-Segretarju Eżekuttiv, għandha l-kwalifiki rikjesti mill-liġi għall-kariġa ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv skond l-Att (Taqsima V Artiklu 50*) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artiklu 49 u 53 Kunsill Lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsill li jkunu minn skala 11 il fuq biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariġa tkun vakanti jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi*

Fl-aħħar iżda mhux l-anqas din il-laqgħa ma' kellix tiġi meqjusa nulla wara li din *kienet live streamed*.

**Proponent : Is-Sur Frederick Cutajar** **Firma Iffirmata**

**Sekondant : Dr Liam Sciberras** **Firma Iffirmata**